MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2006

Appell Kriminali Numru. 202/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmel Bugeja talli ghax-xhur ta' Jannar 2005, Frar 2005 u Marzu 2005, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, meta hekk ordnat mill-Qorti ta' Malta jew marbut b'kuntratt iehor, naqas li jaghti l-manteniment jew parti mill-istess manteniment, dovut lil martu Anna Bugeja, ghaliha u/jew ghat-tfal minuri taghhom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Gunju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Carmel Bugeja hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, illiberatu bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor ghal perijodu ta' sitt xhur mid-data tas-sentenza ai termini ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 u ordnat il-hlas ta’ mitejn u tmenin liri Maltin (Lm280) fi zmien tliet xhur mid-data ta' dik is-sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Carmel Bugeja pprezentat fil-21 ta' Gunju 2005, li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjarah mhux hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u b’hekk tiddikjarah hieles minn kull imputazzjoni w piena;

Rat is-sentenza preliminari ta’ din il-Qorti tal-11 ta’ Ottubru 2005 li permezz taghha cahdet l-ewwel aggravju ta' l-appellant u ordnat il-prosegwiment tal-kawza fil-mertu;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-appellant isostni li huwa ma seta’ qatt jinstab hati ta’ l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu peress illi jirrizulta mill-provi li huwa hallas il-manteniment dovut lil martu u lil uliedu. Jghid li l-manteniment ghax-xahar ta’ Jannar 2005 thallas u difatti kienet diga` ngabet imputazzjoni separata dwar dan ix-xahar u giet irtirata mill-prosekuzzjoni wara li kien gie hekk konstatat mill-Qorti. Dwar ix-xahar ta’ Frar jghid li l-azzjoni hi preskritta peress illi l-manteniment kien dovut fid-9 ta’ Frar 2005 u kellu jithallas sa zmien hmistax minn dakinhar filwaqt li huwa gie notifikat fil-31 ta’ Mejju 2005 u allura wara l-iskadenza ta’ tliet xhur. Fi kwalunkwe kaz pero`, ikompli l-appellant, huwa hallas direttament lil martu l-manteniment ghax-xhur ta’ Frar u Marzu fl-ammont ta’ Lm160 filwaqt li ghall-manteniment ta’ uliedu haseb hu peress illi martu abbandunathom.

Anna Bugeja, mart l-appellant, xehdet quddiem din il-Qorti u kkonfermat li hija telqet mid-dar matrimonjali f'Novembru 2004 peress illi kienet imsawta kemm minn zewgha kif ukoll mit-tfal, u tirreferi ghal incident fejn it-tifel li kellu disa' snin tajrilha snienha. B'referenza ghal dan l-incident l-appellant jghid li dan, skond kif irreferewlu uliedu, kien gara accidentalment meta t-tfal bdew jilaghbu "mellieha" b'ommhom, hi marret issawwat lit-tifel fuq saqajh u dan laqatha b'irkobbtu. Wassal x'wassal biex Anna Bugeja telqet mid-dar matrimonjali, l-appellant beda jhallasha l-manteniment taghha biss kif stabbilit mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili bid-digriet taghha tad-9 ta' Settembru 2003 fl-ammont ta' Lm80 izda mhux ukoll dak dovut ghat-tfal fl-ammont ta' Lm140 peress illi t-tfal ma kinux qeghdin jghixu ma' ommhom izda ma' l-appellant. Anna Bugeja xehdet li hi xorta kienet ittihom lil uliedha meta kienet tmur tarahom.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-rimedju li kellu l-appellant ma kienx li minn rajh jaqbad u jnaqqas il-manteniment li kien qieghed jissomministra lil martu ghal uliedhom izda li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. Hu biss wara li l-appellant jottjeni tali modifika li seta' jhallas inqas, jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' 1-obbligu tal-hlas skond l-ewwel digriet. F'dan il-kaz jidher li l-appellant ma ghamel l-ebda talba simili tempestivament u ghalkemm jghid li inizja proceduri biex jitnaqqas il-manteniment, la jghid meta inizjahom u lanqas seta' jghid x'inhu l-ezitu taghhom. Ghalhekk huwa kellu l-obbligu li jibqa' jhallas il-manteniment li kienet iffissat is-Sekond'Awla bid-digriet precitat. Dan mhux il-forum kompetenti biex jigi deciz li ghandu jsir jew li seta' jsir xi tnaqqis. Il-presuppost guridiku ta' l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant hu l-ordni ghall-hlas tal-manteniment kontenut fid-digriet imsemmi tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta' Settembru 2003. Issa, ghalkemm l-appellant qieghed jigi akkuzat li ma hallasx manteniment ghax-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu 2005, il-kwereli relattivi esebiti (a fol. 5 u 9) jirreferu biss

ghax-xhur ta’ Frar u Marzu. Inoltre jirrizulta ammess mill-appellant li lil martu hallasha biss dak li gie stipulat ghall-manteniment taghha u ma hallashiex is-somma ta’ Lm280 bhala manteniment ta’ uliedhom ghal dawk ix-xahrejn.

Dwar ix-xahar ta’ Frar pero` l-appellant jissottometti li l-azzjoni hi preskritta. Ir-reat kontravvenzjonali kontemplat fl-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 huwa wiehed istantaneju u mhux permanenti u jigi kommess appena jiskadu hmistax-il jum mid-data meta l-pagament ordnat jew miftiehem suppost ikun sehh. Il-paragrafu (z) ta’ l-artikolu 338 tal-Kodici Kriminali fil-fatt jiddisponi hekk:

**“Huwa hati ta’ kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min –**

**"Meta hekk ordnat minn xi qorti … jonqos li jaghti lil martu … is-somma ffissata minn dik il-qorti … bhala manteniment ghaliha … u, jew ghall-ulied, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni … ikollha tithallas dik is-somma”** (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Dan ma jfissirx li numru ta’ reati kontravvenzjonali ta’ natura istantaneja ma jistghux – anke a beneficcju ta’ l-imputat – jingabru flimkien mill-prosekuzzjoni bhala reat kontinwat. Ghar-reat kontinwat u r-reat permanenti (*continuing offence*) ir-regoli tal-preskrizzjoni mhumiex l-istess. Difatti skond l-artikolu 691(1) tal-Kodici Kriminali, filwaqt li fil-kaz tar-reat kontinwat kontemplat fl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali z-zmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi, fil-kaz ta’ reat permanenti dan jibda mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat.

Issa fil-kaz in ezami l-appellant qieghed jigi akkuzat li ma hallasx il-manteniment ghax-xhur ta’ Jannar, Frar u Marzu 2005 “b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b’rizoluzzjoni wahda”, u cioe` b’referenza ghall-iskadenzi kollha li jaqghu f’dak il-perijodu. Kif diga` gie ritenut, ir-reat kontravvenzjonali istantaneju jigi kommess b’gheluq ta’ hmistax-il jum wara d-data ta’ l-iskadenza li tkun u mhux

fid-data ta' l-iskadenza[1]. Ghalhekk fil-kaz ta' l-appellant din il-kontravvenzjoni kienet tiskatta b'gheluq il-hmistax-il jum mid-data ta' kull skadenza mensili u hu jkun naqas li jhallas is-somma ordnata lil martu sa dakinhar.

F'dan il-kaz ghalhekk[2] il-preskrizzjoni trimestrali kontemplata fl-artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali, trattandosi ta' reat kontinwat (*continuous offence*) kienet tibda tghaddi minn hmistax-il jum wara l-ahhar skadenza, u cioe` fid-9 ta' Marzu 2005. c-citazzjoni odjerna giet appuntata ghas-smiegh ghas-6 ta' Gunju 2005 u giet notifikata lill-appellant fil-31 ta' Mejju 2005 (kif jidher mir-riferta pozittiva esebita fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2005).

Konsegwentement ic-citazzjoni ghar-reat kontinwat kif intavolata u notifikata ma kienet bl-ebda mod preskritta.

Fl-ahharnett din il-Qorti ma tistax ma tikkummentax dwar id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti li tordna li l-appellant ihallas is-somma ta' Lm280 lil Anna Bugeja fi zmien tliet xhur ai termini ta' l-artikolu 377(3) tal-Kap. 9.

L-Artikolu 377 (3) tal-Kap. 9 jiddisponi hekk:

**"Il-Qorti tista', ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jaghmel ir-reat, tordnalu t-tnehhija ta' kull disordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat jew, skond ic-cirkostanzi, li jikkonforma ruhu mal-ligi, fi zmien, bizzejjed ghal dak il-ghan izda f' ebda kaz mhux aktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza…."**

Bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. John Chircop** moghtija fit-3 ta' Novembru 2005[3]:

**"mhux il-kaz li f'kazijiet ta' nuqqas ta' hlas ta' manteniment li tigi applikata din is-sanzjoni ghax**

---

[1] Ara Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Joseph Galea**, 3 ta' Novembru 1995; **Il-Pulizija v. David Camilleri**, 22 ta' Marzu 2005; **Il-Pulizija v. John Chircop**, 3 ta' Novembru 2005.
[2] Bhal fil-kaz citat **Il-Pulizija v. John Chircop**.
[3] Ara wkoll **Il-Pulizija v. Mark Bugeja** u **Il-Pulizija v. Andrew Calleja** tat-2 ta' Dicembru 2005.

**hawn non si tratta ta’ *‘dizordni’* jew *‘inkonvenjent’ ut sic*.**

**"Inoltre, anki kieku dan ma kienx il-kaz, din il-Qorti ma tarax li wara li jkun hemm digriet jew sentenza ta’ manteniment jew kuntratt li jistipula l-hlas ta’ manteniment, meta dawn diga` minnhom innifishom jikkostitwixxu titolu ezekuttiv, li Qorti ohra terga’ tordna li jsir l-istess hlas li ma jkunx sar bi ksur tal-ligi jew tal-obbligi kuntrattwali. Dan hu rimedju ghal kollox superfluwu w ineffikaci u mhux indikat f’kawzi bhal dawn u l-Qrati tal-Magistrati m’ ghandhomx japplikawh. Is-sanzjoni, f’ kaz ta’ sejbien ta’ htija taht l-artikolu 338 (z), ghandha tkun dik kontemplata ghar-reati ta’ natura kontravvenzjonali w ghandha tigi kalibrata skond il-gravita`, ripetizzjoni w cirkostanzi ohra tal-kaz minn wahda ta’ piena ta’ detenzjoni ghal zmien ta’ mhux izjed minn xahrejn skond l-artikoli 7(2) u 12(1) tal-Kap. 9 (jew aktar f’ kaz ta’ reat kontinwat) ghall-inqas piena li hija dik ta’ canfira jew twiddiba (Art.7(2) tal-Kap.9).”**

Ghaldaqstant id-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti li tapplika l-provvedimenti ta’ l-artikolu 377(3) tal-Kap. 9 sejra tigi revokata.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u filwaqt illi tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta’ l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u ordnat li jhallas lil Anna Bugeja s-somma ta’ mitejn u tmenin liri Maltin (Lm280) fi zmien tliet xhur mid-data tas-sentenza, minflok issib lill-appellant hati talli fix-xhur ta’ Frar 2005 u Marzu 2005, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, meta hekk ordnat mill-Qorti, naqas jaghti lil martu Anna Bugeja s-somma ta’ mitejn u tmenin liri Maltin (Lm280) bhala manteniment ghat-tfal minuri taghhom u tikkonfermaha fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------